MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 119/2003

**Western Company Limited**

**vs**

**Matthew Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm628.55), import ta' 13 il-kambjala ta' Lm48.35 kull wahda li mmaturaw fix-xhur bejn Settembru 2001 u Dicembru 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat,  ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda mressqa mis-socjeta attrici u ra d-dokumenti pprezentati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm628.55), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjala.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------